MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 549/1997/1

**Ivan Borg f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Ivana Mobili**

**vs**

**George Aquilina u b'digriet tal-24 ta' Marzu, 1998 Katie Aquilina mart George kjamata in kawza**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Marzu ta' l-1997 li permezz tieghu l-attur proprio et nomine sejjah lill-

konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lill-attur s-somma ta' LM800 (tmien mitt Lira Maltin) rappresentanti bilanc ta' somma akbar ta' prezz ta' ghamara mibjugha u konsenjata lilu;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju 1335/96 FF, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata t-8 t'April ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-avviz ma giex intavolat kontra l-mara tal-konvenut u ghalhekk hija obbligazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwist;

2. Illi bla pregudizzju tal-premess l-ammont ta' tmin mitt Lira Maltin, (Lm800.00,0), mhux dovut stante li x-xoghol sar hazin, mhux ta' kwalita' kif pattwita u mhux skond is-sengha u l-arti;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet datat l-24 ta' Marzu ta' l-1998 ta' din il-qorti diversament preseduta li permezz tieghu kkjamat in kawza lil Katie Aquilina mart George;

Rat ukoll id-digriet datat l-14 ta' Lulju ta' l-1998 ta' din l-istess qorti diversament preseduta li permezz tieghu hatret lil Anthony Galea bhala espert tekniku sabiex jezamina x-xoghol ta' l-injam;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;

Ezaminat ir-relazzjoni teknika pprezentata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi f'Gunju ta' l-1996 il-konvenut u l-kjamata in kawza ordnaw xi xogholijiet ta' l-ghamara minghand l-attur proprio et nomine;

2. Illi in effetti ordnaw kcina tal-pine bil-faccati "solid", vettrina tal-pine; hames (5) "flash doors" ta' gewwa; xambrella; bieb ta' barra u finalment poggaman li gie ordnat separatament f'Awissu ta' l-1996;

3. Illi l-ammont totali ta' din l-ghamara kien ta' tlett elef u erba' mitt Lira Maltin, (Lm3,400.00,0);

4. Illi l-attur proprio et nomine rcieva depositu ta' sitt mitt Lira Maltin, (Lm600.00,0), ircieva wkoll pagamenti ohra u ghad fadal bilanc ta' elf Lira Maltin, (Lm1,000.00,0);

5. Illi in effetti, f'Ottubru tal-1996 tnaqqsu mejda, erba' siggijiet u vetrina mill-ordni originali u ghalhekk il-bilanc dovut tnaqqas ghall-tmin mitt Lira Maltin, (Lm800.00,0);

6. Illi x-xoghol tlesta f'Ottubru ta' l-1996;

7. Illi ghalkemm l-attur proprio et nomine ikkonceda t-trepass ta' perjodu konsiderevoli ta' zmien biex jithallas l-imsemmi bilanc, pero' jirrizulta li meta avvicina l-konvenut illum defunt inghata risposta li kien ser jithallas fi zmien erba' xhur peress li ma kellux flus;

8. Illi jidher ukoll li ppropona li jhallas il-bilanc dovut ratealment izda l-attur proprio et nomine irrifjuta;

9. Illi l-konvenut fuq indikat jirrizulta li kien jittella mill-attur stess il-fabbrika tieghu biex jara l-progress fix-xoghol u meta sussegwentement gie installat ma jirrizulta li kein hemm l-ebda lanjanza fir-rigward, anzi pjuttost ix-xoghol kien jigi mfahhar mill-akkwirenti;

10. Illi meta l-konvenut gie interpellat gudizzjarjament biex ihallas il-bilanc minnhu dovut jirrizulta li l-attur isostni li dan kien wiegbu "…jekk trid issa dahhalni l-Qorti";

11. Illi ghalhekk giet intavolata din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illi l-access tal-fond fejn tinsab l-ghamara in dizamina sehh fiz-17 ta' Frar tas-sena 2000 (ara fol 49) – abbundantement erba' snin wara l-istallazzjoni ta' l-ghamara mertu tal-kaz odjern;

Illi in oltre hu indikat fl-istess relazzjoni teknika li l-konvenut kien prezenti ghall-istess access haga li fil-fehema ta' din il-qorti kienet impossibbli tenut kont tal-fatt li l-konvenut jirrizulta li ghadda ghall-hajja ahjar fit-18 ta' Dicembru ta' l-1999;

Ikkonsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost it-trapass tal-perjodu fuq indikat mill-istallazzjoni ta' l-ghamara de quo ghall-ezami tekniku jirrendi l-istess ezami inkonsegwenti stante li l-istess ghamara mhux biss ma kienitx taht il-kontrolli necessarji izda ghaddiet fil-pussess ta' terzi li ma gewx interrogati fir-rigward;

Ikkonsidrat:

Illi in oltre jirrizulta li l-fond fejn gie installat il-poggaman li kien principalment il-bicca ghamara li l-aktar li giet attakkata mill-espert tekniku – jirrizulta li nbiegh lill-terzi li ibbenefikaw mill-istess prodott ta’ l-attur proprio et nomine u li qatt ma ntalbu jiddeponu f’din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illi finalment ghandu jinghad li l-kjamata in kawza qatt ma pprezentat il-posizzjoni taghha skond il-ligi ;

Ghaldaqstant din l-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement tordna lill-kjamata in kawza Katie Aquilina thallas lill-attur proprio et nomine l-ammont ta’ tmien mitt Lira Maltija, (Lm800.00,0), bilanc minn somma akbar, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.”

Il-kjamata fil-kawza Catherine Aquilina appellat minn din is-sentenza b’dawn l-aggravji:-

(i) In-nullita` tas-sentenza billi t-trasfuzjoni tal-gudizzju li saret konsegwenti ghall-mewt tal-konvenut, ma hijiex riflessa fl-okkju taghha;
(ii) Ma kienx regolari illi l-ewwel Qorti tippermetti s-smiegh ta’ xhud, estraneu ghall-partijiet, wara l-prezentata tar-relazzjoni peritali;
(iii) Il-Qorti ma kellhiex tiskarta l-konkluzjonijiet ta’ l-espert tekniku meta dawn ma gewx kontestati bil-mod stabbilit mil-ligi;
(iv) Fil-meritu, l-evalwazzjoni ta’ l-ewwel Qorti tal-provi kien difettuz, partikolarment meta konsiderat fl-isfond tar-relazzjoni peritali;
(v) Kienet ukoll zbaljata s-sentenza meta l-gudikant okkupa ruhu minn kwestjoni – dik koncernanti l-bejgh tal-fond – li ma tirrizultax mill-provi fl-atti processwali.

Minn ezami anke superficjali ta’ l-atti jidher li l-ewwel aggravju huwa sostenibbli billi t-trasfuzjoni degretata mill-ewwel Qorti fil-15 ta’ Novembru 2001 (fol 63) successivament ghad-decess tal-konvenut George Aquilina ma tiffigurax fl-okkju tas-sentenza.

Huwa pacifiku illi l-avveniment tal-mewt ta' wahda mill-partijiet meta l-kawza mhiex konkluza jopera necessarjament l-interruzzjoni tal-gudizzju, bil-konsegwenza tan-nullita` ta' l-atti li jsiru fil-perijodu interruttiv (**Vol XLVIII pII p858**). Ghal kull buon fini tajjeb li jinghad ukoll illi dan il-principju mhux assolut meta l-kawza tkun waslet fl-istat li tkun tista' tigi gudikata. "Il momento in cui la lite si trova in istato di essere giudicata, e in cui quindi cessa di esservi pregiudizio o pericolo di danno o disparita` di condizione per la parte cui l'evento interruttivo riguarda, e` quello nel quale finita la discussione si differisce per deliberare e redigere la sentenza" ("**Vincenza Serra –vs- Riccardo Serra**, Appell Civili, 10 ta' Gunju 1925 a Vol XXVI pI p176).

Fil-kaz prezenti din id-diffikolta` jew konsegwenza ta' atti nulli ma tinsorgix billi l-atturi debitament talbu t-trasfuzjoni tal-gudizzju, avvenuta l-mewt tal-konvenut. Talba li huma ressqu konfermement mad-dispost ta' l-Artikolu 807 (1) tal-Kap 12, jigifieri b'rikors li gie approvat u degretat mill-Qorti. Eppure imbaghad din l-approvazzjoni ma gietx debitament riflessa fl-okkju tas-sentenza.

Issa hu minnu illi, kif akkolt mill-gurisprudenza, "l-okkju ta' kawza ghandu mportanza relattiva u ma jitbiddelx fil-kors tal-kawza ghalkemm jista' jkun hemm kambjament fir-rapprezentanza tal-partijiet jew wahda minnhom" ("**Avukat Dr. Francis Portanier –vs- Avukat Dr. Francis Chetcuti noe**", Appell Civili, 15 ta' Novembru 1967; "**Ronald Urpani et noe –vs- Albert Bajada nomine**", Appell Kummercjali, 4 ta' Gunju 1979).

Issokta jinghad illi "biex tigi kontemplata nullita` jrid jigi ppruvat illi dik il-bidla fir-rapprezentanza rrekat pregudizzju lill-parti l-ohra, liema pregudizzju ma jistax jigi rimedjat hlief bis-sanzjoni tan-nullita`, anki ghaliex il-korrettezza tar-rapprezentanza tinteressa primarjament lilll-persuna rapprezentata u l-aktar li jrid jigi protett huwa dak l-interess" – "**Maurice Mifsud Bonnici nomine –vs- Edgar Bonnici Cachia**", Appell, 14 ta' Frar 1994.

Naturalment hawnhekk il-Qorti qed tikkonsidra nuqqas fl-okkju tas-sentenza u mhux fl-okkju tal-kawza. Gja inghad illi l-okkju tal-kawza ma jitbiddelx u li z-zieda ta' isem tal-parti li tkun dahhlet fil-kawza wara li tkun gja bdiet mhux essenzjali ghall-validita` tal-proceduri ghalkemm dejjem isir fil-prattika u hu desiderabbli li jsir hekk. Ara sentenzi "**Joseph Giorgio nomine –vs- Caterina Giorgio**", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1947 u "**Emmanuel Refalo –vs- Joseph Mercieca et**", Appell Civili, 23 ta' Marzu 1988.

Ciononostante hu pero` mehtieg illi l-okkju tal-kawza jigi sewwa u bi precizjoni registrat fis-sentenza tal-Qorti fejn si tratta tal-<u>partijiet</u> in kawza. Partijiet li bil-ligi huma hekk konsidrati fit-termini preciz taghha.

Il-Qorti ta' l-Appell pero` ma ghandhiex is-setgha li tordna l-korrezzjoni ta' l-atti li jkunu saru quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk meta l-izball jigi konstatat fit-tieni istanza il-Qorti ta' l-Appell ma tistax taghmel haga ohra hlief li tikkonstata l-izball mhux korrett u thassar is-sentenza. Ara sentenzi a **Vol XXXV pI p247**; **Vol XXXVI pI p200**; "**Maria Zammit –vs- Lawrence Cappello et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Lulju 1962.

Kif rimarkat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Busuttil –vs- Avukat Dottor John Mamo nomine**", Appell 28 ta' Frar 1997, f'kaz fejn l-isem ta' l-attur gie bi zball fl-okkju indikat bhala John minflok Joseph, "dan hu zball ta' sustanza li l-Qorti ta' l-Appell necessarjament trid tissollevah "ex officio" in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' <u>dawk</u> il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u hu car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat. Issa gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "**l-Avukat Dottor Stephen Thake nomine –vs- Fabian Saliba**" deciza fl-4 ta' Mejju 1994 (Vol LXXVIII pII p133) illi "… … din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 ghandha l-fakolta` li tikkoregi kull zball li jigi pprezentat <u>wara</u> s-sentenza ta' l-ewwel istanza imma din il-fakolta` ma testendiex sas-sentenza li

tkun appellata quddiemha … … Is-sitwazzjoni ma jidherx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995, is-subinciz 2 ta' l-artikolu 175 infatti ma jirrizultax b'xi mod emendat."

Fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet din il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex awtorita` f'dawn ic-cirkostanzi illi tikkoregi zbalji ta' din ix-xorta f'sentenzi ta' Qorti ohra. Dan ghandu jsir minn dik il-Qorti wara li taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-element ta' pregudizzju fil-proceduri li jkunu saru quddiemha fir-rigward tal-persuni li kienu l-oggett ta' dan l-"izball". Ara f'dan l-istess kuntest decizjoni fl-ismijiet "**Victor Zammit et –vs- Joseph Stivala**," Appell, 19 ta' April 1999 u fejn ukoll, incidentalment, kien thalla barra mill-okkju kull referenza ghall-persuni kwalifikati bhala partijiet bit-trasfuzjoni tal-gudizzju succedenti l-mewt ta' l-attur Victor Zammit.

Ghal dawn il-motivi, konsiderati l-aspetti guridici fuq esposti, din il-Qorti qed tiddisponi mill-aggravju tan-nullita` fir-rigward tas-sentenza appellata billi tannulla din is-sentenza u tirrimetti l-atti lill-Qorti ta' l-ewwel grad ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tal-vertenza u l-eventwali decizjoni. L-izpejjez taz-zewg istanzi li jirrigwarda dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------